*F'dak il-kongress ħadu parti għorrief u studjużi mill-Ewropa u mill-Afrika u magħhom kellhom sehem siewi Membri Akkademiċi tal-Għaqda tagħna li wrew li wkoll aħna l-Maltin għandna l-ħila u l-għerf biex nieħdu postna fil-wisa' f'okkażjonijiet internazzjonali ta' xjenza u kultura.*

*Dan il-kongress iltaqa' f'Malta għax il-mexxejja ta' l-*"Atlante Linguistico" *kienu jaħsbu li din il-gżira tagħna hi l-qofol tal-Mediterran u b'din il-laqgħa fostna saħħu dik il-fehma tagħhom u għarfu li mingħajr il-kontribut tal-għorrief Maltin l-istudju u l-iskop ta' l-*"Atlante" *ma jistax iseħħ.*

*Il-kongress għolla 'l Malta f'għajnejn il-għorrief barranin u wera s-sehem li din il-gżira jistħoqqilha fil-qasam kulturali ta' l-Ewropa, imma dan ma hux biżżejjed. Dan il-kongress għandu jħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jitgħallmu iżjed dwar l-istorja ta' pajjiżhom u biex igħożżu bil-ħrara kollha dak li jkattar lil Malta Maltija.*

---

## MHUX HEKK ?

*Ta' E. ATTARD*

Ma' dawk
Li xtaqu s-sliem fuq ħsiebhom,
Imxennqa għall-ferħ
Tissieħeb qalbi,
Xħin nara l-kwiekeb
Iteptpu kollha seħer
U r-riħ mal-ħbula jgħanni:
Iwennes lil min daq
Is-semm ta' niesu............
Sakemm il-lejl inin
Bil-mod, il-mod, il-mod,
Sakemm il-lejl inin bil-mod.
.........U b'sogħba ngħanni tmiemu
u jkolli nerġa' nibda
Il-ħajja ta' ħaddieħor;
Bir-riħa tad-duħħan;
Bl-għajat tan-nies imgħaġġla
Fil-ħidma għall-quddiem!............
U jerġa' kollox għal dak li kien:
F'monotonija;
B'pbigħ ir-ras li jaqsam............
Hekk għandu jkun!
Din id-dinja............
Din dinja tal-bnedmin.



# IL-HARUFA TA' L-GHID

**Ta' PAWLU MIFSUD**

Xi xahar qabel il-Ġimgħa l-Kbira, Manwel kera żimarra minn għand Dun Mattew li kellu f'idejh il-purċissjoni bil-vari. Meta newwillu x-xelin u geżwer iż-żimarra fil-biċċa nadifa li tatu ommu, Manwel qallu:

"Issa, Dun, din is-sena ħallini nerfa' l-Ħarufa fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira."

U Dun Mattew biex jiċċajta wieġbu: "Tridx terfa' s-serduk ukoll? Hekk aħjar għax flok waħda jkollok tnejn."

Imma Manweli ma kienx qed jiċċajta u b'arja ta' wieħed kbir issokta jkellem lix-xwejjaħ Dun Mattew u jiffittah biex iħallih jieħu l-Ħarufa għax hekk kien qallu n-Nannu Xand inkella ma kienx bil-ħsiebu jagħtih xelini aktar biex jikri ż-żimarra vjola.

"Tat x'qalli n-nannu Xand, Dun Mattew? Qalli issa kbirt u ma għadux jixraqli nerfa' biċċa salib ta' l-injam. Qalli din is-sena jaqbel li nibda nerfa' l-Ħarufa ta' l-Għid għax, jekk forsi ma tafx, dik kien għamilha n-Nannu tan-Nannu Xand. Ftehemna, mela, Dun Mattew?"

Dun Mattew ħares lejh u tbissimlu bil-qalb għax iggustah jarah jirraġuna qisu raġel żgħir. Ma kontx tgħid li Manweli kien għad kellu biss seba' snin u nofs, imma minn kliemu kien jurik li t-tifel kien għad jimxi 'l quddiem fl-iskola.

"Tajjeb," qallu Dun Mattew sa fl-aħħar. "Issa l-Ħarufa nwarrabha biex teħodha int, u dak in-nhar tal-purċissjoni, ejja sib lili u nnewwilhielek. Ara x'se ngħidlek: qis li ma tgħid lil ħadd minn sħabek, tafx, għax inkella jeħduli rasi u jkollok tibqa' bla Ħarufa. Mur, issa, kun imbierek."

U Manweli qal benedizzjoni bil-ħatfa u ġera 'l barra ferħan se jtir. Imma lil Dun Mattew obdih sew. Ma qal lil ħadd bil-biċċa tal-Ħarufa u nhar il-Ġimgħa l-Kbira, wara li kienet intemmet il-priedka twila ta' tliet sigħat, daħal jiġri fis-Sagristija liebes iż-żimarra vjola u rħielha jfittex lil Dun Mattew. U Dun Mattew kien żamm kelmtu wkoll. Minn rokna mwarrba mar u ġablu l-Ħarufa u wissieh biex imur isib postu dlonk. Qallu biex ma joqgħodx jilgħab biha u biex jibża' għaliha kemm jista'. Ħafna mit-tfal, meta raw lil Manweli bil-Ħarufa f'idu, bdew igergru u qalu li kien għadu żgħir biex iġorrha tul il-purċissjoni twila twila. Bdew igħidulu, xi wħud, li żgur kien se jegħja f'nofs ta' triq u mbagħad taqagħlu fl-art u titfarrak. Imma hu ma kellimhom xejn u mar sab postu qrib il-Monument, l-istatwa ta' Kristu mejjet, sakemm fl-aħħar iċċaqilqu u bdew ħerġin, tlikki tlikki, minn ġol-Knisja għal fuq iz-zuntier.